MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 823/2009

**HSBC Bank Malta plc**

**-vs-**

**Emanuel Cutajar u Maria Theresa *sive* Marthese Cutajar, mart l-istess Emanuel Cutajar u wliedhom Josmar Cutajar u Bernice Cutajar**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-24 ta’ Awissu 2009 li permezz tiegħu l-Bank attur ippremetta:

1. Illi fit-18 ta' Novembru 2008 ġie liberat, a favur tar-rikorrenti s-segwenti proprjeta`, u ċioe`:

Il-garaxx bla numru li jġib l-isem "St Joseph" fi Triq it-Telleritu, Ħal-Għaxaq, kif ukoll it-tromba tat-taraġ mingħajr numru u mingħajr isem kontigwa mal-istess garaxx, liberi

u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħhom, liema garaxx, tromba tat-taraġ u l-arja tagħhom flimkien peress illi huma kontigwi għal xulxin jikkonfinaw mit-tramuntana mal-imsemmija triq, mill-punent ma' beni ta' Antonio Piscopo jew is-suċċessuri tiegħu u mill-Lvant ma' beni ta' Joseph Dimech, bid-drittijiet u 1-pertinenzi kollha tagħhom u dana bil-prezz ta' tnax-il elf u ħames mitt Euro (EUR12,500) *animo compensandi* kif jirriżulta mill-anness dokument 'A';

2. Illi dan il-fond kien jappartjeni lill-intimati Emanuel Cutajar u martu Maria Theresa *sive* Marthese Cutajar u huwa llum okkupat u detenut mill-istess intimati u wliedhom l-intimati l-ohra f'dan ir-rikors u dana abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi kif jirriżulta mill-anness dokument 'B';

3. Illi s-soċjeta` rikorrenti tixtieq tiżgombra lill-intimati mill-proprjeta` in kwistjoni u għalkemm l-istess intimati ġew interpellati sabiex jagħmlu dan huma baqgħu inadempjenti;

4. Illi jeżistu l-elementi kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta għal eżenzjoni mis-smiegħ billi fil-fehma tas-soċjeta` rikorrenti l-intimati m'ghandhomx eċċezzjonijiet xi jġibu kontra dina t-talba ta' żgumbrament u dana kif jirriżulta wkoll mill-anness affidavit dokument 'C';

Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti qegħda tiġi mitluba sabiex, għar-raġunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati qeghdin jokkupaw u jiddetjenu abbużivament u minghajr ebda titolu validu fil-liġi, il-proprjeta` fuq imsemmija u ċioe` il-garaxx bla numru li jġib l-isem "St Joseph" fi Triq it-Telleritu Ħal-Ghaxaq kif ukoll it-tromba tat-taraġ kontigwa mall-istess garaxx kif aħjar fuq deskritti;

2. Tordna, għalhekk, l-iżgumbrament tal-intimati mill-istess imsemmija proprjeta` u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa jibqgħu mħarrka għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra nkluża dik għad-danni spettanti lis-soċjeta` rikorrenti kontra l-intimati skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-konvenuti ddikjaraw illi ma kienux qed jopponu għat-talba attriċi *purche* jkollhom żmien biżżejjed biex jiżgumbraw.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' sitt xhur.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------